KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 52**

**Il-Ħamis, 11 t'Awwissu, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:00h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi-Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | *Accountant* tal-Kunsill *(online waqt punt 52.10)* |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

**52.01 Qari tal-ittri t'Appoloġiji**

**52.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**52.01.02** Il-Kunsillier Joe Baldacchino bagħat sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**52.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 51)**

**52.02.01** Maria Mifsud irrimarkat li għandu jsir korrezzjoni f'punt 51.12.05. Din għanda taqra hekk: 'Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li xi ftit ta' żmien ilu bagħtet mail fuq il-ħmieġ li qed ikun hemm ġewwa Wied ix-Xoqqa. Ġranet wara hi ġiet affaċjata minn wieħed mis-sidien tal-karavans fejn hu qalla li hi kontra l-karavans u rraportat lis-sidien tal-karavans li hemm ġewwa Wied ix-Xoqqa. Żiedet tgħid li kien hemm tabella li ma jistawx isiru BBQ's, u li din it-tabella tneħħiet. Hi fakkret li fil-viċinanza ta' dawn il-karavans, hemm il-Liquigas u l-Oil Tanking u BBQ's jistaw ikunu ta' periklu kbir. Hi tinsab iddispjaċuta li email interna saru jafu biha n-nies minn barra.'

Wara din il-korrezzjoni, fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, l-minuti ġew approvati unnanimament.

**52.03 *Arising* mill-minuti (Seduta 51)**

**52.03.01** Ma kienx hemm *arising* mill-minuti

**52.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet**

**52.04.01** *Bankijiet aċċessibli għal persuni b'diżabiltà* - Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, u rrispondew tlieta. Mit-tlieta li rrispondew ġiet magħzula l-irħas kwotazzjoni (A). Wieħed tal-*plaswood* u metal għall-prezz ta' €962.50 għall-Pjazza tal-Knisja u erba' tal-*plaswood* għall-prezz ta' €209.90 il-wieħed, għal fuq il-*promenade*.

**52.04.02** *6 CCTV's għall-Bajja s-Sabiħa* - Kien hemm talba fis-Seduta numru 51 għal 4 *cameras,* u żdidu żewġ *cameras* inkluż l-installazzjoni u xogħol ieħor involut. L-ispiża telgħet għal €3,677.50 u l-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**52.04.03** *Nexos hydrofloor steel SS616L 12W għal Misraħ Bush u Gorbacov* – Kien hemm kwotazzjoni ta' €3,138.8 minn Nexos li għandu t-*tender* tad-dawl. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**52.04.04** *2 mobile CCTV's* – Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet, u rrispondew tnejn. Mit-tnejn li rrispondew ġiet magħzula l-kwotazzjoni (C) għall-prezz ta' €135-il wieħed u li din il-kwotazzjoni tinkludi Micro SD card u l-*programming* tal-*cameras.*

**52.04.05** *Animal shaped litter bins* – ġie maqbul li din il-kwotazzjoni inżammet *on-hold* sabiex jiġi vverifikat kif isir it-tbattil ta' dawn l-istess bins.

## 52.05 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**52.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa minn kien is-supplier TM Ironmongery. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrispondew li kien Ironmongery ġewwa Marsaxlokk.

**52.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li xtaq jagħti spjegazzjoni rigward erba' punti li għandhom *footnote* immarkata. Dawn huma:

- *Punt numru 2* – Iċ-*cheque* li s-soltu joħroġ lis-Sur Raymond Cefai peress li hu jmur il-bank.

- *Punt numru 27* – Waslu l-*invoices* tal-kuntrattur Chris Bezzina, wara li l-Kunsill kien ilu għal seba' xhur jiġbidlu l-attenzjoni li mhux qed jibgħat l-*invoices*. F'dawn il-kontijiet hemm deskrepanza ta' €798.91, bejn l-ammont tal-invoice u l-ħlas dovut lilu. Din id-deskrepanza hi minħabba li bejn id-9 ta' Jannar 2022 u it-23 ta' Jannar 2022, hu kien qiegħed fuq kwarantina minħabba l-Covid19. Issa informa lill-*Contracts Manager* li f'dan il-perjodu, hu qabbad lil xi ħadd sabiex jaħdem minfloku biex jiknes. Il-*Contracts Manager* ddeċieda li dan ma' jitħallas għal dan il-perjodu, jekk Chris Bezzina ma jġibx il-konferma bil-miktub tax-xogħol li ġie assenjat lil din il-persuna u li ħadmet floku - inkuż kopja tal-ID card tal-persuna mibgħuta. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li għalkemm f'dan il-perjodu ma kienitx f'Malta, hu kien spiss jagħmel kuntatt magħha. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet għala l-*Contracts Manager* m'għamilx *site visits* fuq il-post biex jara jekk hux veru kien hemm persuna oħra assenjata minfloku. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-*Contracts Manager* kien talbu dikjarazzjoni bil-miktub u li din id-dikjarazzjoni waslet wara li reġgħat giet mitluba meta issottometta l-*invoices*. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu li Chris Bezzina kellu jitħallas ta' dan il-perjodu.

- *Punt numru 28* – Is-Sindku Scott Camilleri qal li wkoll fil-pagamenti ta' Chris Bezzina kien hemm deskrepanza ta' €47.56 bejn l-ammont tal-invoice u l-ħlas dovut lilu. Dan minħabba żball fil-kalkolu tal-ammont iddikjarat.

- *Punt numru 29* – Is-Sindku Scott Camilleri qal li wkoll fil-pagamenti ta' Chris Bezzina kien hemm deskrepanza ta' €142.66 bejn l-ammont tal-invoice u l-ħlas dovut lilu, minħabba żball ieħor fil-kalkolu tal-ammont iddikjarat. Hu żied jgħid li fil-punti 28 u 29 kien hemm il-*bulky*, imma filfatt ma kienx hemm.

**52.05.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet għalxiex kien qed jirreferi l-punt numru 53. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li dan kien il-ħlas għall-liċenzja lil-LESA għas-servizz tal-IT tal-LES fir-rigward iċ-ċitazzjonijiet.

**52.05.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet għalxiex kien qed jirreferi l-punt numbu 72 tal-RSSL. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li dan kien l-*allowence* li ġie deċiż li jinagħta lil-*foreman* fl-aħħar seduta, u li dan ma jitħallasx direttament lil-foreman, imma lill-kumpanija RSSL.

*<u>Petty cash:</u>*

**52.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka fuq ix-xiri ta' batterija għal grinder li jużaw il-ħaddiem, fejn spjega li dawn it-tip ta' batteriji jġibhom biss ħanut partikolari.

**52.05.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar ir-referenza tat-*Top-Up*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din hi t-*top-up* li ssir mil-bank għal *petty cash*.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Carlo Stivala u ssekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda u l-*petty cash.*

## 52.06 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**52.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm talba minn xi resident li joqgħodu l-Qajjenza biex jiżdiedu Triq Bourlemaque u Triq FM Ferretti fis-*summer break time* bħala postijiet turistiċi. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet, li meta tkellmet mas-Sur Mario Fava (President tal-AKL) iggwida li tista ssir talba formali mal-MTA sabiex ċerti toroq fejn hemm ħwienet mal-baħar jistgħu jiżdiedu mal-postijiet turistiċi anki minħabba l-ġbir tal-*organic*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għanda tintbagħat *submission* lil-MTA fuq it-talba ta' dawn ir-residenti u x-Xatt ta' San Ġorġ. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm il-bżonn li ssir reviżjoni tat-toroq li jaqgħu taħt *areas* turistiċi.

**52.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri ta' informazzjoni rigward il-proġett tal-binja ta' li qed issir fi Triq Bourlemaque. Hu qal li mil-bidu ta' dan il-proġett u minn meta ħareġ il-permess mil-Awtorità tal-Ippjanar, dan il-proġett kellu ħafna nuqqasijiet u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kien għamel l-oġġezjonijiet meħtieġa tiegħu fir-rigward dan il-proġett. Primarjament fuq il-protezzjoni tal-art, minħabba li fil-viċin hemm Għar Friefet, u l-impatt li ser iħalli fuq ir-*road management* tal-Qajjenza. Hu żied jgħid li rigward il-protezzjoni ta' Għar Friefet l-istess Aworità tal-Ippjanar talbet lis-sid garanzija bankarja ta' €50,000. Għal Kunsill Lokali din is-somma hi żgħira ferm sabiex tipproteġi sit storiku bħal dan. Fis-Construction Management Plan, is-sidien riedu li jgħaddu triq fejn hemm il-garaxxijiet fi Triq De Rehdin, u li tiżbokka fi Triq Għar Dalam. Din it-triq li hi perikoluża mmens minħabba li ser tinħoloq *blind spot*. Il-Kunsill Lokali bagħat korrispondenza lil-SCH, fejn informa li qed tintefa' torba fuq *buffer zone* li hi protetta u li ser jinħolaq periklu f'din it-triq. Transport Malta għaddiet in-*no objection* tagħha fuq dan l-aċċess, imma dan in-*no objection* tagħha ħarġitu wara li beda x-xogħol u mhux meta ħareġ il-permess. Minkejja diversi korrispondenzi mal-Awtorità tal-Ippjanar u Transport Malta, din it-trejqa tkompliet. Is-Sindku Scott Camilleri talab laqgħa u qal li jekk sa l-għada ma jkunx hemm data għall-laqgħa, ser itella din il-kwistjoni għand l-OPM. Hu żied jgħid li jekk Transport Malta ser jagħtu dan il-permess, hu lest li jinbarra u jagħlaq din it-triq. Hawn staqsa lil-Kunsilliera preżenti jekk jaqblux miegħu. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din il-proposta.

**52.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dan l-aħħar kien qed ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti fuq l-irwejjaħ tossiċi li qed ikun hawn fil-lokalità u speċjalment in-naħa taz-zona tal-Papa. Inħolqot *data base* fejn ir-residenti jistaw jirrapurtaw dawn l-irwejjaħ sabiex fiha ikollna id-*data* neċessarja f'idejna bil-ħinijiet ta' meta qed jinxtammu dawn l-irwejjaħ. Hu qal li bażikament, dawn l-irwejjaħ qed ikunu preżenti matul il-lejl u kmieni filgħodu. Hu żied jgħid li l-Kunsill diġa għadda l-informazzjoni kollha lil-ERA, u li dawn għaddejjin bl-investigazzjonijiet tagħhom. Il-Ministru Miriam Dalli infurmatna wkoll li qed issegwi dan l-każ.

**52.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għalkemm għadna mingħajr Segretarju Eżekuttiv *full-time*, l-amminstrazzjoni bdiet bilmod il-proċess tal-ħruġ tat-tenders li hemm skaduti. Min-naħa tiegħu, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsilliera li bdew żewġ tenders li l-iktar li ilhom li skadew - dak ta' *Contracts Manager* u tal-*Street Sweeping*.

**52.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri avża li l-Perit tal-Kunsill, assenja Perit ġdid minflok il-Perit li spiċċa ftit tal-ġimgħat ilu. Tlabna sabiex issir laqgħa mal-Perit il-ġdid biex issir *update* tal-proġetti u x-xogħlijiet pendenti.

**52.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri informa li kellu hemm laqgħa *online*, mal-Perit William Lewis, il-Perit mill-*Education* u Direttur tal-Education fuq il-Berġa tal-lokal. Il-proposta intlaqgħat tajjeb ħafna fejn il-premises tal-iskola jibqgħu jintużaw wara l-ħin tal-iskola. L-Education qed tiddiskuti l-*area* bħala metri kwadri biex jibdew jsiru l-pjanti. Hu żied jgħid li l-iskop hu li sal-aħħar tas-sena jibda l-process tad-devoluzzjoni tal-art. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li la darba dan il-proġett jidher li ser jieħu fit-tul, hi qed tissuġerixi li għandu jinstab post temporanju għall-Berġa sakemm tinbenda l-ġdida. Issemiet is-Sala tal-Parroċċa u li fiha qiegħed jiġi installat lift li jiprovdi aċċessibilita' aħjar għar-residenti.

**52.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri avża li x-xogħol fuq is-sala tal-Kunsill tlesta. Il-Kunsill ġie avviċinat mill-aġenzija tal-Gvern servizz.gov sabiex dawn hux possibli jibdew joffru s-servizz tagħhom għal aktar minn darba fil-ġimgħa u fuq servizzi aktar mifruxa. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet ukoll li l-*Life Long Learning* huma interessati li jkollom parti mis-sala għalihom.

**52.06.08** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ġie avviċinat mil-Birżebbuġa ASC, fejn dawn qed jitolbu sabiex il-Kunsill Lokali jidħol magħhom u jorganizzaw flimkien *training camp* ġewwa Għawdex, nhar l-20 t'Awwissu 2022. Huma talbu li l-ispejjeż tal-vapur t'Għawdex, jkunu mħallsa mill-Kunsill. Hu qal li ser issiru *friendly matches* tal-under 11, 13, 15 u 17 mit-tfal li jattendu n-nursery ta' Birżebbuġa kontra il-*Gozo Otters.* L-ispiża hi ta' madwar €232.50. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan.

**52.06.09** Is-Sindku Scott Camilleri informa li jumejn qabel is-sedura, flimkien mal-Kunsillier Johann Borg u l-Onorevoli Membru Parlamentari Inġ.Stanley Zammit marru jżuru ix-xogħolijiet li qed isiru fil-Kappella tas-Sagra Familja, proġett tal-Galxlokk li permezz tal-fondi Ewropew ġew iffinanzjati ir-restawr tal-pittura u l-għamara għall-ammont ta' €11,000. Hu avża li l-pittur qeda bħalissa essibita fil-knisja ta' Birżebbuġa. Ġie deċiż li l-inawgurazzjoni ssir fid-9 ta' Settembru fis-19:00h. Is-Sindku Scott Camilleri

qal li kien ser ikellem lil-kappillan dwar din id-data. Se jkunu mistiedna dawk kollha li b'xi mod kellhom xi involviment f'dan il-proġett.

**52.06.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma il-*Loading/Unloading bays* fejn qal li fl-aħħar seduta ġie ssuġġerit *Communial Loading/Unloading bay* quddiem *Pretty Bay.* Wara diskussjoni bejn dawk preżenti intlaħaq qbil f'kaxxa numru 11. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din il-*Communial Loading/Unloading bay* tkun tista tintuza minn xi 4 t'iħwienet li hemm fil-viċinanzi. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma dan.

## 52.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**52.07.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud infurmat lill-Kunsilliera li ħarġet skema ġdida mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/07/2022 bl-isem ta' *Clean Up The World* 2022. Marbuta ma' din l-iskema hemm fondi ta' €3,000 minn riklamar sa oġġetti li jintużaw għat-tindif li nistgħu napplikaw għalijhom. Il-*Clean up* ser issir minn Triq l-Għannejja sa Triq it-Torri fejn bħalissa hemm ħafna skart. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema u wkoll fil-post magħżul.

**52.07.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ċemplitlu waħda fejn qalet li kitbet *email* biex tibda l-proċess għall-applikazzjoni ta' gabbana fissa fix-Xatt. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx konxju ta' din l-email u l-Kunsillier Alex Caruana qal li se jerġa jgħid lil min kellmu biex jerġa jibgħata. Is-Sindku Scott Camilleri qal li mhux sew li *area* tax-Xatt tiġi okkupata minn negozji għal skop kummerċjali u b'konsegwenza, jitnaqqas l-ispazju għar-residenti.

## 52.08 Korrispondenza

**52.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-laqgħa mal-Ministru Onor. Miriam Dalli. F'din il-laqgħa fejn tkellmu dwar l-inizjattivi li għaddejin bħalissa fi Ġnien l-Indipendenza, il-*car park* tal-Qajjenza - fejn ser isiru xi emendi biex jiżdied id-dawl u jiġi ffirmat *Memorandum of Understanding* mal-Kunsill Lokali. Fl-aħħar ġie diskuss ukoll l-possibilità li jkun hemm *update* fuq il-proġett ta' Bengħajsa *Park* u dwar li qed jiġi ssuġġerit it-*tennis court* u parkeġġ.

## 52.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**52.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat xtaq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti dwar is-sigurtà ġewwa l-binja tal-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa wkoll għala il-Kunsill m'għandux jagħmel sistema ta' *alarm* li l-lum il-ġurnata tista' tintefa minn fuq il-*mobile.* Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li għandna niftħu *bank account* ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din l-*issue* kienet ġiet diskussa ftit tax-xhur ilu, fejn kien ġie maqbul li kellu jinfetaħ kont ġdid mal-bank APS, imma għal xi raġuni, din ma saritx. Hu talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, sabiex ikellem lil waħda mill-Assistent Prinċipali ħalli tara u taħdem fuq dan il-kont. Żied li jrid ikun hemm *current account* għall-garanziji bankarji, madankollu, llum il-ġurnata garanziji bankarji qed jitħallsu bil-*card.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li bil-liġi ma tistax

tobbliga persuna bl-liema mod tħallas ġewwa l-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġerixxa li l-iskrivani involuti għandhom jiġu provduti b'*deposit card* u naħsbu sabiex nagħmlu sistema ġdida tal-alarm għall-binja kollha. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dawn iż-żewġ proposti.

## 52.10 Approvazzjoni tas-*2nd Quarterly Report*

**52.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat hawn talab lill-*accountant* tal-Kunsill Lokali Doreen Mintoff sabiex tkun tista titkellem u tispjega r-rapport finanzjarju ta' bejn l-1 ta' Jannar 2022 u t-30 ta' Ġunju 2022

**Dħul tal-Kunsill Lokali**

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Finanzjarja mil-Gvern | €465,667 |
| Dħul mil-permessi | €13,689 |
| *Income* mill-LES | €2,081 |

**Spejjeż mill-Kunsill**

| | |
|---|---|
| Pagi u Onorarji | €114,473 |
| Operat u manutenzjoni | €226,932 |
| Spejjes amminstrativi | €21,839 |
| Spejjes oħra | €90,584 |

L-accountant qalet li l-Kunsill għalaq b'*surplus* ta' €27,610. Hi qalet wkoll li kien hemm:

| | |
|---|---|
| Dħul minn attivitajiet investiti | €70,895 |
| L-FSI tal-Kunsill hu dak ta' | 114% |

**52.10.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li r-Rapport Finanzjaru kien simili bħal ta' qablu bl-*accountant* tikkonferma dan ukoll. Għalhekk is-*2nd Quarterly Report* ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 52.11 Laqgħa Annwali 2021

**52.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex il-Laqgħa Annwali li kienet skedata li ssi għal Awwissu 2022 tiġi mressqa għal Ottubru. Hu propona li din il-laqgħa issir għat-tieni gimgħa t'Ottubru. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir fit-3 t'Ottubru fis-18:00h. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lil-Kunsilliera rigward ir-rapport tal-ħidma tagħhom sabiex jibgħatu lis-Sindku.

## 52.12 Proġett ta' Wied il-Buni (aġġornament mis-Sindku)

**52.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm laqgħa mal-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo li għaliha attendew is-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette

Busuttil, il-Kunsilliera Joseph Farrugia u Alex Caruana. Hu qal li meta l-Ministru sar jaf li hemm dan id-*ditch* ta' natura kulturali u storja, ġibet l-attenzjoni biex dan il-proġett jiġi rivedut. Hu qal li għanda ssir laqgħa oħra fit-23 t'Awwissu fejn dan il-punt ser jiġi diskuss aktar fit-tul biex jaraw kif dan id-*ditch* ser jigi mdaħħal mal-proġett ta' Wied il-Buni.

## 52.13 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**52.13.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret xi li żmien ilu, kienet talbet *communial parking bay* fi Triq San Ġorġ u li għadha ma saritx. Is-Sindku Scott Camilleri talaba biex tibagħtlu ritratti ta' fejn trid tiġi biex titressaq din l-applikazzjoni.

**52.13.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li ġiet avviċinata minn diversi residenti fuq it-telgħa tal-Ħajja Ewlenijja u li hi stess rat żewġ vetturi misjuqa minn persuni barranin ittelqu. Hi ssuġġerit li hemm għandhom isiru il-*bollards* li jkunu jistgħu jinqalgħu u l-vetturi jduru għall-Qajjenza minn fejn it-*traffic lights* ta' Għar Dalam. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Aġent Segretarju sabiex jagħmel kuntatt ma' Transport Malta sabiex ituna proposta sabiex isir *traffic management* aħjar għal Triq Herakles u z-zona. Sa dan it-tant nordnaw żewġ tabelli ġodda '*No heavy vechiles and No Buses'.*

**52.13.03** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat biex jieħu nota biex issir bankina li hi nieqsa fi Triq Arturo Issel ma Triq l-Għerien.

**52.13.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-proċess taz-*zebra crossing* li hemm f'Dawret il-Qalb Mqaddsa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser issir mill-foreman din il-ġimgħa.

**52.13.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar il-proċess tas-*sleeping policeman* tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din hi ordnata u l-Kunsillier Alex Caruana kellu jkellem lill-Perit il-ġdid magħżul mill-Perit William Lewis sabiex dan jibgħat il-qisien lil-kuntrattur sabiex jipproċedu bix-xogħolijiet.

**52.13.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ġiet avviċinata minn xi residenti fejn talaba biex isir mera faċċata ta' Triq Herakles inti u ddur għal Triq FM Ferretti minħabba li hemm periklu.

**52.13.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qallet li hemm mera żejda faċċata ta' Triq il-Kittaristi c/w Qajjenza *promenade.* Din issa trid titneħħa peress li nbiddlet is-sistema tal-*one way* fil-Qajjenza.

**52.13.08** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar it-talba għal *parking optimalisation* f'Misraħ Hamilkar Barka u avża li rċevejna *updated plans*, ingħaddiet DNO lil-PA biex jinħareġ il-permess u nkunu nistaw nipproċedu bil-proġett.

**52.13.09** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar Triq Feliċjan fejn qal li kellmu s-Sur Ivan Falzon ic-Chief Executive Officer ta' Infrastructure Malta, wara li tkellmu mal-Ministru Miriam Dalli fuq il-problema tad-drenaġġ, fejn għandhom jinżlu fuq il-post ħalli jaraw x'jista jsir.

**52.13.10** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar dak l-isqaq li hemm problema tal-ilma, u qal li s-Sur Ivan Falzon ic-Chief Executive Officer ta' Infrastructure Malta inkariga lil Roderick u dan għandu jiġi għada filgħodu stess.

## 52.14 Proġetti u Skemi

**52.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Kunsilliera preżenti biex japplika għall-Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022 SPI.SCI.8.2022.

Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din it-talba.

**52.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet l-iskema tal-ixkaffar tal-librerija.

**52.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri avża li ingħalqet l-iskema tal-*urban squares* li ġew ibbenifikati €17,000 li minnhom inxtraw bankijiet u ser issir sistema ta' irrigazzjoni f'Misraħ Dun Ġorg Preca.

## 52.15 Indafa u Ambjent

**52.15.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li l-pots tal-qsari ta' San Ġorġ għandom bżonn jinżebgħu għax qed jitqaxxru. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser jinżebgħu dalwaqt.

**52.15.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet wkoll li fix-Xatt ta' San Ġorġ hemm ammont ta' pots li ntlaqtu mil-karozzi u tkisru. Hi talbet biex jinġiebu kwotazzjonijiet għall-*pots* tal-*plastic*. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk dawn il-*pots* hux qegħdin hemm biex ma jipparkjawx il-karozzi, u jekk inhu hekk, għaliex ma jiġux mibdula b'xi ħaġa oħra. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrispondiet li kienet talbet li jsir twessieh tal-bankina u tħawwil tas-siġar u li dan hu proċess li jieħu fit-tul. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jsiru arbli bil planti mdendlin u l-Kunsilliera Maria Mifsud wieġbet li peress li l-post huwa ħdejn il-baħar, mhux kull pjanta hi addattata għal ħdejn l-ilma tal-baħar.

**52.15.03** Is-Sindku Scott Camilleri avża li nxtraw 30 *rodent boxes* u qed jiġu installati f-postijiet divers ġewwa l-lokalità fejn ġie ssuġġerit mill-Kunsilliera, fil-ġonna u fejn kien hemm ilmenti dwar ġrieden. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li jsir bexx, imma is-Sindku Scott Camilleri qalli li dan ikun irrid isir frekwenti ħafna.

**52.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġibdet l-attenzjoni, li minn jitma l-annimali, għandu jara li jħalli nadif biex jiġu evitati li joħorġi l-ġrieden għal dan l-ikel. Il-Kunsilliera Doriana Portelli qalet li l-*feeders* reġistrati huma avżati dwar din, imma hemm *feeders* oħra li ma humiex reġistrati u li jitimgħu wkoll.

**52.15.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil regat ġibdet l-attenzjoni fuq il-ħajt Tal-Papa. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li tal-*Cleansing* ma jridux jieħdu responsabiltà u l-Pulizija għamlu kuntatt mas-sid tal-għalqa. Hu ssuġġerixxa li jew ikellmu lil Public Works jew jinfurmaw lil-Lands Depatement biex ikellmu lis-sid tal-għalqa biex jirranġaħ. Il-

Kunsillier Alex Caruana qal li jista jiġi irranġat imma hemm xi ħames ħitan oħra li jridu jsiru qablu.

**52.15.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud reġat semmiet il-problema tal-binja *West Gate* u ssuġġeriet li għanda ssir *gate*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li kif jaf tajjeb kulħadd hu avża lil-Pulizija. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li l-Pulizija ssuġerixew qalu li għanda ssir *gate*. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li l-ħmieġ ma nġabarx, u il-Pulizija qalulhom biex issir *gate* minflokk li ħarkuwhom u l-*Housing Authority* qed toħroġ minnha din il-kwistjoni. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil sostniet li jkellmu lill-Ministru l-Onor. Roderick Galdes li taħtu hi responsabbli l-*Housing Authority*. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għanda tintbagħat *mail* lis-Sanita' u jiġi kkuppjat Lionel Mckay u c-*Chief Executive Officer*.

## 52.16 Attivitajiet

**52.16.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li apparti li ħa tibda taħdem fuq l-iskema tal-Millied, fakkret li fl-10 ta' Settembru ser ikun hemm Jum Birżebbuġa. Kompliet li infetħu in-nominazzjonijiet u fakkret li l-Kunsilliera ma jistgħu jinnominaw lil ħadd. Hi fakkret lis-Sindku Scott Camilleri biex jiġi diskuss Ġieħ Birżebbuġa fejn hu informa li ser tiġi diskussa fis-seduti li ġejja. Dwar Jum Birżebbuġa, qalet li din is-sena l-preżentatur se jkun is-Sur Glen Falzon. Il-Kumitat se jkun iffurmat mill-Kunsillier Johann Borg u miegħu ser ikun hemm wkoll is-Sinjura Lorraine Cunningham, is-Sur Joe Debattista. L-istima bejn wieħed u ieħor ta' kemm se tiġi tiswa din l-attività hi madwar €12,000. Hi żiedet tgħid li dakinhar se tkun iffurmata *mass band* bejn iż-żewġ soċjetajiet mużikali tal-lokal flimkien ma' kantanti mil-lokal stess li dawn tal-aħħar ser ikantaw ma' din il-*mass band.* L-għada l-Ħadd 11 ta' Settembru ser tiġi ċċelebrata l-Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jagħmlu xi ftit *drinks* u xi erba' *items* ta' *finger food*. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu ma dan.

**52.16.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li l-ħarġa li kellha f'isem il-Kunsill Lokali ppjanata għal Għawdex għax ma kienx hemm biżżejjed konkorrenza.

## 52.17 Kultura, żgħażagħ u sport

**52.17.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa li f'Ottubru ser isir *Tough Mother*. Attività li tinkludi *obstacle course*s tul Birżebbuġa u li tibda min San Ġorġ u tispiċċa Bengħajsa. Il-Kunsillier Carlo Stivala spjega li din il-ġirja ser tkun ta' madwar 5 jew 6 kilometri u fuq ir-ramla u t-telgħa ta' Bengħajsa ser ikun hemm ostakli.

**52.17.02** Il-Kunsillier Carlo Stivala avża li fit-18 ta' Settembru ser ikun hemm attività ta' Karl Naia, l-assoċċjazzjoni tal-*iskate boarding*. Hu żied jgħid li fil-*basket ball court* ser issir wirja tal-għarmar tal-BMX's u li ser jintuza il-*pitch* tar-ramel u l-*iskate park*.

**52.17.03** Il-Kunsillier Alex Caruana ġie mitlub biex isir *ground* żgħir tal-football għal tfal żgħar fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsillier Carlo Stivala wieġeb li l-uniku post fejn jista jsir, hu bejn il-*pitch* tal-*basket ball* u il-*ground* tar-ramel fejn hemm il-konkos li preżentament hu mgħotti bir-ramel. Hu zied jgħid li jkun hemm il-bżonn li togħla ftit l-art imma s-*sintetic*

*turf* xorta jtir ir-ramel għal fuqu u jibdew jdaħħlu l-klieb f'dan il-*ground*. Hu żied jgħid li f'din il-*area* bħalissa jitpoġġew l-*containers* u jintrama l-*spectators stand*.

**52.17.04** Il-Kunsillier Carlo Stivala qal iltaqgħa mas-*Surfer's Accademy* li qed jippruvaw jagħtu spinta lis-*sooks* u li jixtiequ jagħmlu 1 *day activity* fil-Bajja s-Sabiħa jew fil-Bajja ta' San Ġorġ. Hu speġa li s-*sooks* hija *board* bħal tal-*wind surfing,* fejn ikollok il-padala u jew toqgħod bilqiegħda fuqha jew bilwieqfa. Huma jixtiequ li nagħmlu *promotion* għal din l-attività u jkunu mistiednin tfal mil-lokalità għal din l-esperjenza ġdida. Huma wkoll jofru taħriġ fuq *caneoing*, *kajaking* u dawn lis-*sooks*. L-attività hi ppjanata għall-aħħar ta' Settembu jew il-bidu t'Ottubru. Hu żied jgħid li jixtiequ li fix-Xitwa jibdew is-*surfing* fil-Bajja s-Sabiħa.

**52.17.05** Il-Kunsillier Carlo Stivala tkellem dwar tourament tal-*air badmington* fejn hemm il-ħsieb li jsiru attivitajiet fil-*pitch* tar-ramel wara Settembru li ġej.

**52.17.06** Il-Kunsillier Carlo Stivala kien qal fl-aħħar seduta li kien ser issir *tournament* tal-*basket ball.* Però l-MBA nformatu li hemm skeda fejn kull sena jintużaw ċerti bajjiet u li nistgħu napplikaw għaliha fix-xitwa.

**52.17.07** Il-Kunsillier Carlo Stivala tkellem dwar il-*bookings* tal-pitch, fejn qed isiru ammont sostanzjali ta' telefonati minn nies li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-Kunsill u li dawn in-nies ġejjin mil-MFA. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għanda issir skeda, tintbagħat mail lil-assoċjazzjonijiet fejn jiġu nfurmati, jsir meeting f'Novembru u Diċembru biex jiġi ifformulat l-attivitajiet tas-sajf u fejn l-għaqdiet lokali jingħataw prijorità. Hu talab lil-Kunsillier Carlo Stivala biex jagħmlu laqgħa gimgħatejn oħra ħalli jinħolqu *guide lines* ta' kif l-aħjar li jsir. Is-Sindku Scott Camilleri tkellem wkoll fuq fejn twaħħlu riklami u fejn spiċċa jargumenta mal-*organizer* tal-*beach soccer tounamant* minħabba li r-riklami saru f'posizzjoni li ma tistax issegwi logħba bil-kumdità.

## 52.18 Affarijiet oħra

**52.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar l-email mibgħuta iktar kmieni llum mingħand l-Aġent Segretarju Jordy Brincat u li hi inkwetanti. Hi qallet li huwa inġust li s-Segretarju qed jispiċċa jieħu l-*leave* mix-xogħol tiegħu sabiex jiġi jaħdem għall-Kunsill tagħna peress li mhux qed jitħallas tax-xogħol li jagħmel minħabba li hu qed jaħdem *full-time* ġewwa Kunsill Lokali ieħor. Hi sostniet li l-Kunsillieri kollha inkuż hi, għandhom jitkellmu mad-Dipartiment biex tiġi riżolta din il-problema għall-ġid tal-istess Kunsill, tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri tkellem waqt il-laqgħa tar-Reġjun fejn kien hemm preżenti s-Segretarju Parlamentari Onor. Alison Zerafa Ċivelli, u enfasizza mas-Segretarju Parlamentari rigward din l-issue, u li hu ma jistax jibqa jaħdem b'dan il-mod. Hu qal ukoll li ċempel kemm il-darba lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali fejn infurmaħ li ma jistax ikun li din is-sitwazzjoni ma tiġix riżolta mill-aktar fiss.

**52.18.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward l-organizzazjoni tal-festa, fejn qal li hemm il-bżonn li jiġu rranġati l-permessi tal-gabbani fejn qed tintuża sistema antika u li fija ħafna *loop holes* u anki l-permessi tat-*tables and chairs* u l-barijiet. Hu semma wkoll li ma kienx hemm biżejjed kooperazzjoni min-naħa tal-Pulizija fejn per eżempju, l-għeluq

tat-toroq bil-*barriers.* Tkellem ukoll dwar li ħames parking bays għal persuni b'diżabiltà ġew magħluqa speċifikament għall-festa. Hu semma wkoll li bħala organizzjoni tal-festa, kienet tajba u rringrazzja lil-dawk kollha li taw sehemhom. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li meta jkun kemm stedina, għandom jiġu mistiedna il-Kunsill Lokali kollu.

**52.18.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li jinħass il-bżonn li jsir *upgrade* tal-binja tal-Kunsill minn ġewwa. Hu qed jissuġerixxi li nibdew mil-*boardroom* tal-Kunsill u wkoll l-entratura t'isfel. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issugeriet li nqabbdu *interior designer* sabiex itina ideat u kuntatti ta' x'inhu l-aħjar li jsir. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

## 52.19 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**52.19.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:35h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |